**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anzjan Trevor Micallef]**

**vs**

**Jeremy Facciol**

**Kumpilazzjoni Numru: 134/19**

**Illum, sitta (6) ta' Novembru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Jeremy Facciol detentur tal-karta tal-identità bin-numru 437491M akkuzat talli:

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-26 ta' Novembru 2018 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizuluzzjoni wahda (Art 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta):**

**Ikkommetta serq ta' flus ghad dannu tal-kumpanija Convenience Shop, Eastern u/jew entitajiet u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-'mezz', bil-'valur' (li jecedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (Euro 232.94) izda anqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centesmu (Euro 2,329.37) u bil-'persuna' (Art 261(c),(b),(d), 263(a) 264(1), 267, 268(d), 279(a) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat li l-imputat talab zmien sabiex ihallas lill-parte civile u sas-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru 2021 kien ghad

fadallu jhallas is-somma ta' tlett elef, tmien mija u hamsa u sebghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€3,875.31) izda ghalkemm inghata diversi differimenti fis-seduti ta' wara huwa qatt ma rega' hallas xejn aktar;

Rat illi d-difiza ma tellghet l-ebda prova in sostenn ta' xi pagamenti sussegwenti u lanqas kellha sottomissjonijiet x'taghmel a rigward il-piena;

Rat illi l-imputat kkonferma l-ammissjoni tieghu fis-seduta tas-sitta (6) ta' Novembru 2023;

Ikkunsidrat illi ghalkemm l-imputat ma baqax ihallas is-somma dovuta lill-parte civile, jidher illi l-fedina penali hija wahda kwazi netta u ghalhekk sabiex ikun jista' jkompli jhallas l-ammont dovut minnu mhijiex ser timponi piena karcerarja izda wahda riformattiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 261(c)(b)(d), 263(a) 264(1), 267, 268(d) u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Jeremy Facciol** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih

u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal piena ta' sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2) flimkien ma' Ordni ta' Restituzzjoni taht l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9, tas-somom dovuti lill-parte civile ammontanti ghal tlett elef, tmien mija u hamsa u sebghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€3,875.31) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

-----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**